



Tifkira

# Giuseppi Sammut 1898 - 1979

## *Fl-okkażjoni ta' għeluq it-30 sena minn mewtu*

**tagħrif miġbur minn John Pullicino**
**Assistent Segretarju**

Għalkemm għaddew 30 sena minn meta ħalliena Giuseppi Sammut magħruf bħala l-Keti, għadhom f'moħħi l-viżjonijiet u l-memorji ta' dan il-bniedem li ddedika ħajtu għas-Soċjetà tagħna sa mit-twaqqif tagħha fl-1920.

Niftakru jobrom għan-nar fil-maħżen tal-kartun li llum dan il-maħżen spiċċa għalkollox minħabba ċirkostanzi li ġraw. Ta' tifel li kont dejjem kont inkun miegħu l-maħżen nobormu xi ħaġa għall-festa. Niftakar minħabba l-kesħa konna nqabbdu tank bil-kartun ħalli s-sħana li jitfa' kienet tidħol fil-maħżen biex ittaffi l-kesħa u l-bard.

Ta' sikwit kont nistenna lil Keti jgħaddi minn quddiem id-dar tagħna fi Triq Santa Marija biex ninżel miegħu u mmur ngħinu biex inġorru l-kartun bil-karettun li kien jitfa' barra l-ħanut tal-laħam. Insomma dawn kienu xi ftit memorji ta' tfuliti fejn sawru lili li minn dak iż-żmien 'l hawn bqajt nagħmel parti mis-Soċjetà San Gabriel.



Giuseppi Sammut 'il-Keti', fl-1928 f'età ċkejkna kien jokkupa l-kariga ta' President tac-Circolo San Gabriele kif kien magħruf f'dawk iż-żminijiet. F'din l-istess sena (1928) iżżanżnet il-bandalora tar-rakkmu bid-deheb bl-emblema tas-Soċjetà li fil-ġranet tal-festa tal-Lunzjata tintrama fis-sala prinċipali tal-Każin.

Kif kien magħruf mal-Balzanin, Giuseppi l-Keti twieled Ħal Balzan fit-3 ta' Mejju tal-1898 minn Ġanni u Emilia mwielda Caruana.

Sakemm kellu disa' snin huwa attenda l-iskola primarja tal-Gvern ta' Ħal Lija u meta tfarfar, siefer għat-Tuneżija biex isib ix-xogħol. Wara sena ġie lura Malta u beda jaħdem bħala manwal u naġġar ma' diversi mgħallmin. Ta' għoxrin sena ngaġġa mas-servizz regolari bħala suldati. Fl-1920 meta twaqqaf iċ-*Circolo San Gabriele* lil Giuseppi nsibuh bħala wieħed mis-Soċi ewlenin.

Fl-1924 Giuseppi beda jiġbor għall-festa u bejn l-1928 u l-1938 insibuh jorganizza t-tridijiet tal-festa, li tant kienu jkunu organizzati tajjeb li għadhom jissemmew mill-ftit anzjani li baqa' llum.

Fl-1925 kien rama t-triq ta' quddiem il-knisja għall-okkażjoni tal-festa tal-Lunzjata. Fl-1928 insibu lil Giuseppi fil-kariga ta' President tas-Soċjetà San Gabriel.

Huwa serva wkoll fil-kariga ta' Segretarju. F'dik l-istess sena nsibu lil Keti għall-aħħar darba jarma l-faċċata tal-knisja bit-tazzi taż-żejt.

Lil Giuseppi nsibuh jinteressa ruħu fix-xogħol tal-murtali, fejn għal diversi snin kien ħallas minn butu l-kaxxa infernali tat-translazzjoni li kienet tikkonsisti f'elf bomba. Fl-1948 ħadem ma' oħrajn biex ġiet mtellgħa l-qanpiena l-kbira fil-kampnar tal-knisja. Bejn is-snin 1962 u l-1971 kien jieħu ħsieb il-bottegin tal-każin tal-Banda San Gabriel ma' Valentino Muscat li l-qligħ kollu kien imur għall-każin.

Giuseppi Sammut kien ukoll benefattur tal-knisja parrokkjali ta' Ħal Balzan. Huwa ġabar u ħadem biex saru żewġ settijiet ta' fjuretti tal-ganutell li jintramaw fil-festa fuq l-artali tal-Madonna tal-Karmelu u ta' Marija Addolorata. Huwa kien irranġa l-lampier li jintrama quddiem l-artal maġġur.

Giuseppi, il-Keti, kien Balzani fil-veru sens tal-kelma. Għalih Ħal Balzan, il-festa tal-Lunzjata kif ukoll il-każin San Gabriel kienu jiġu l-ewwel u qabel kollox. Huwa ħadem ħafna mhux bil-kliem iżda bil-fatti.

Kien ftit qabel nofsillejl ta' nhar it-Tlieta 29 ta' Mejju 1979 meta l-mewt ħasdet minn fostna lil Giuseppi fl-età sabiħa ta' 81 sena konfortat bis-sagramenti mqaddsa li huwa laqa' b'rassenjazzjoni kbira sakemm ruħu ttajret quddiem il-ħallieq tagħna u Ommna Marija Annunzjata sabiex jieħu minn għandhom il-premju mistħoqq.

Referenzi: Gazzetta *Ħal Balzan* 1977 u 1979.